



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.12.2020  
SWD(2020) 364 final

**L-Att dwar is-Swieq Diġitali**

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)**

{COM(2020) 842 final} - {SEC(2020) 437 final} - {SWD(2020) 363 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

**Valutazzjoni tal-Impatt għal Att dwar is-Swieq Diġitali:** inizjattiva leġislattiva biex ikun żgurat Suq Uniku kompetittiv għas-servizzi diġitali u b'mod partikolari swieq ġusti u kontestabbli tal-pjattaformi<sup>1</sup>.

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### X'inhom l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

**Fis-swieq diġitali**, xi pjattaformi online – ħafna drabi inkorporati fl-ekosistemi tagħhom stess – ħarġu bħala elementi ewlenin ta' strutturar tal-ekonomija diġitali tal-lum, li jintermedjaw l-akbar sehem ta' tranżazzjonijiet bejn il-konsumaturi u n-negozji. Dawn il-**pjattaformi gwardjani** jħallu impatt kbir, fis-sens li jikkontrollaw l-aċċess għas-swieq diġitali, u kisbu pożizzjoni soda f'dawn is-swieq.

Minbarra l-iżvilupp ta' dawn il-pjattaformi gwardjani, hemm tliet problemi ewlenin: (i) **kontestabbiltà dgħajfa** tas-swieq tal-pjattaformi u l-kompetizzjoni fi ħdanhom; (ii) **prattiki kummerċjali inġusti** fil-konfront tal-utenti kummerċjali; u (iii) **regolamentazzjoni u sorveljanza frammentati** tal-atturi tas-suq li joperaw f'dawn is-swieq.

Dawn il-problemi huma xprunati minn fallimenti tas-suq li jipprekludu l-awtokorrezzjoni. Il-karatteristiċi tas-suq diġitali jistgħu jsaħħu **l-ostakli għad-dħul fis-swieq tal-gwardjani**. Ir-relazzjonijiet kummerċjali huma karatterizzati minn livelli partikolarment qawwjin ta' **dipendenza u poter tan-negozjar żbilanċjat**. Barra minn hekk, fl-UE qed jinħolqu bosta regoli nazzjonali bħala reazzjoni parzjali għall-problemi identifikati, li qed iwasslu għal **regolamentazzjoni u sorveljanza frammentati**.

Il-problemi jdgħajfu l-kompetizzjoni u l-kontestabbiltà tas-suq, li jwasslu għal **eżiti ineffiċjenti tas-suq** mil-lat ta' prezzijiet oġhla, kwalità inferjuri, u inqas għażla u innovazzjoni għad-detriment tal-konsumaturi Ewropej. Hu tassew importanti li dawn il-problemi jiġu indirizzati minħabba d-daqs tal-ekonomija diġitali (stmata bejn 4,5% u 15,5% tal-PDG dinji fl-2019) u r-rwol importanti li għandhom il-pjattaformi fis-swieq diġitali.

#### X'għandu jinkiseb?

Jeħtieġ niżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern bil-promozzjoni ta' kompetizzjoni effettiva fis-swieq diġitali, u b'mod partikolari b'ambjent ġust u kontestabbli għall-pjattaformi online.

#### X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

Kulma jmur, l-Istati Membri qed jikkunsidraw aktar miżuri nazzjonali biex isolvu l-problemi identifikati. Dan iwassal biex madwar l-UE jinħolqu rekwiżiti regolatorji differenti. Din il-frammentazzjoni tpoġġi f'riskju t-tkabbir ta' negozji ġodda u negozji iżgħar u l-kapaċità tagħhom li jikkompetu fis-swieq diġitali.

### B. Soluzzjonijiet

#### X'inhom l-alternattivi differenti biex jinkisbu l-oġġettivi? Hemm alternattiva ppreferuta?

Hemm **erba' parametri ewlenin** li jidderieġu l-għażla minn fost l-alternattivi: it-tfassil tal-ambitu, is-sett ta' obbligi relatati mal-prattiki kummerċjali inġusti, il-ħeffa u l-flessibbiltà tal-arkitettura, u l-qafas ta' infurzar.

L-**Alternattiva 1** hi **strument nondinamiku ta' obbligi awtoeżekuttivi** li jindirizzaw **il-prattiki inġusti definiti** b'mod ċar mill-gwardjani f'**servizzi ewlenin speċifiċi tal-pjattaformi**. Din l-alternattiva hi ppreżentata b'żewġ subalternattivi għall-ambitu abbażi ta' **limiti kwantitattivi biss**. Is-subalternattiva 1 hi bbażata fuq limitu għoli, filwaqt li s-subalternattiva 1.B hi bbażata fuq limitu minimu aktar baxx.

L-**Alternattiva 2** hi **strument semiflessibbli** li jgħaqqad sett ta' **obbligi awtoeżekuttivi** u **obbligi bi djalogu regolatorju**, mekkaniżmu għal **aġġornament tal-prattiki**, u mekkaniżmu biex **jiġu identifikati kumpaniji gwardjani emerġenti**. Din l-alternattiva hi ppreżentata b'żewġ subalternattivi għall-ambitu abbażi ta' **limiti kwantitattivi u deżinjazzjoni kwalitattiva**. Is-subalternattiva 2.A hi bbażata fuq limitu għoli, filwaqt li s-subalternattiva 2.B hi bbażata fuq limitu minimu aktar baxx, it-tnejn ikkombinati ma' deżinjazzjoni kwalitattiva

L-**Alternattiva 3** hi **strument flessibbli għalkollox** li jipprevedi **mekkaniżmu dinamiku ta' aġġornament** li jippermetti **l-inklużjoni ta' servizzi ewlenin addizzjonali tal-pjattaformi** u **obbligi addizzjonali** meta din l-

<sup>1</sup> Din l-inizjattiva żżewweġ żewġ inizjattivi u żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi għal (i) pakkett ta' Att dwar is-Servizzi Diġitali: strument regolatorju *ex ante* ta' pjattaformi online kbar ħafna li jaġixxu bħala gwardjani; u (ii) l-Għodda l-Ġdida tal-Kompetizzjoni.

inklużjoni titqies xierqa u ġustifikata wara investigazzjoni tas-suq. L-ambitu ta' din l-alternattiva hu bbażat fuq **limiti kwalitattivi biss.**

L-alternattiva ta' **politika ppreferuta** hi l-Alternattiva 2 għax tipprevedi intervent f'waqtu għall-aktar Prattiki flagranti u approċċ aktar gradwali għall-miżuri li jeħtieġu aktar tfassil u speċifikazzjoni. Din tippermetti wkoll li jiġu indirizzati Prattiki inġusti ġodda u fallimenti tas-suq b'rabta ma' gwardjani li mistennija jkollhom pożizzjoni soda fil-futur qrib, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq fl-ambjent diġitali li qed jinbidel b'mod dinamiku.

**X'inhom l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?**

Hemm appoġġ ġenerali għal regoli *ex ante* għall-gwardjani diġitali, u l-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati qed jappellaw għal kombinament ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi biex jiġu identifikati l-gwardjani.

**C. Impatti tal-alternattiva ppreferuta**

**X'inhom l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta?**

L-alternattiva ppreferuta se żżid il-kontestabbiltà tas-swieq diġitali u se tgħin lin-negozji jgħlbu l-ostakli li jirriżultaw minn fallimenti tas-suq jew minn Prattiki kummerċjali inġusti tal-gwardjani. Se żżid soluzzjoni regolatorja mfassla apposta għal fejn bħalissa hemm xi lakuna. Se trawwem il-ħolqien ta' pjattaformi alternattivi, li jistgħu jipprovdu prodotti u servizzi innovattivi ta' kwalità bi prezzijiet affordabbli. Il-benefiċċju assoċjat tal-alternattiva ppreferuta hu żieda fil-bilanċ pożittiv tal-konsumaturi, stmata għal EUR 13-il biljun fis-sena. Hu mistenni wkoll tnaqqis sostanzjali fil-frammentazzjoni tas-suq intern, u b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir tas-Suq Uniku Diġitali.

**X'inhom l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhom dawk ewlenin)?**

Il-kost ewleni għandu x'jaqşam mal-kostijiet tal-konformità għall-gwardjani minħabba r-regoli ġodda previsti. In-negozji, għajr il-pjattaformi gwardjani, jaf iġarrbu ċerti kostijiet amministrattivi biex jikkonformaw mat-talbiet għall-informazzjoni li ggħib magħha l-alternattiva ppreferuta. Iżda dawn il-kostijiet aktarx ma jirrappreżentawx żieda fil-kostijiet attwali tal-konformità li jgħarrbu n-negozji.

**X'inhom l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?**

L-SMEs ma jikkwalifikawx bħala gwardjani u ma jintlaqtux mil-lista tal-obbligi. Minflok, ir-regoli l-ġodda jgħolqu kundizzjonijiet ekwi biex l-SMEs (inkluż l-utenti kummerċjali li jikkompetu mal-gwardjani) ikunu jistgħu jikbru fis-suq intern kollu bis-saħħa tat-tneħħija ta' ostakli importanti għad-dħul u l-espansjoni. Wieħed jista' jistenna li l-miżuri previsti jwasslu wkoll għal aktar kompetizzjoni fost il-pjattaformi għall-utenti kummerċjali. Dan mistenni jwassal għal servizzi ta' kwalità oġhla bi prezzijiet aktar kompetittivi, flimkien ma' aktar produttività. L-utenti kummerċjali jkollhom ukoll aktar fiduċja fil-bejgħ online, għax ikunu protetti mill-Prattiki inġusti.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

B'sett ta' għodod aktar komprensiv għall-infurzar, in-negozji se jkun jistgħu jikkompetu abbażi tal-merti tagħhom. Dan se jiġġenera tkabbir ekonomiku, li min-naħa tiegħu jissarraf fi dħul akbar mit-taxxa għall-amministrazzjonijiet nazzjonali. Il-piż fuq il-Kummissjoni minħabba l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva mhux kbir (prinċipalment riallokazzjoni ta' postijiet tax-xogħol eżistenti) meta mqabbel mal-benefiċċji għall-ekonomija. L-awtoritajiet nazzjonali jgħarrbu xi kostijiet amministrattivi żgħar.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

Jekk titjieb il-kompetizzjoni tas-suq fis-settur diġitali, tiżdied il-produttività, u din tissarraf f'aktar tkabbir ekonomiku. Il-promozzjoni ta' aktar kompetittività tas-swieq diġitali hi importanti wkoll b'mod partikolari biex jiżdiedu l-flussi tal-kummerċ u tal-investment.

**Il-proporzjonalità?**

L-alternattiva ppreferuta hi proporzjonata minħabba d-daqs (impatt dannuż tal-Prattiki inġusti) u n-natura (settur diġitali li qed jinbidel malajr) tal-problema identifikata. Dan jilħaq l-oġettiv ġenerali ta' funzjonament aħjar tas-suq intern kif ukoll l-oġettivi speċifiċi b'mod immirat billi jimponi piż limitat fuq sett definit ta' imprints li joperaw fis-swieq diġitali.

**D. Segwitu****Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Il-Kummissjoni se tirriżamina l-miżuri meħuda li jindirizzaw il-problemi identifikati fir-rigward tal-pjattaformi gwardjani, fi żmien tliet snin mill-bidu tal-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda.